II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1530

tat-12 ta' Lulju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali u li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(7) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/947 jistabbilixxi l-oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi.

(2) Il-programmi ġeografiċi għandhom jiġu żviluppati aktar permezz ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) 2021/947.

(3) Abbażi tal-oqsma ta' kooperazzjoni elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/947, jenħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi speċifiċi u oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni għall-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Viċinat tal-Lvant, l-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, l-Asja tan-Nofsinhar, l-Asja tat-Tramuntana u tax-Xlokk, il-Paċifiku, l-Ameriki, il-Karibew.

(4) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għas-sottoreġjuni tal-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, abbażi tal-prinċipji ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/947. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri tematiċi għar-reġjuni ġeografiċi elenkati fir-Regolament (UE) 2021/947,

([1]) ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-objettivi speċifiċi u l-oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni, ibbażati fuq l-oqsma ta' kooperazzjoni elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/947 għall-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Viċinat tal-Lvant, l-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, l-Asja tan-Nofsinhar, l-Asja tat-Tramuntana u tax-Xlokk, il-Paċifiku, l-Amerika, il-Karibew, huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għas-sottoreġjuni tal-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan għandhom ikunu:

(a) L-Afrika tal-Punent EUR 11 672 000 000;

(b) L-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali EUR 11 381 000 000;

(c) L-Afrika t'Isfel u l-Oċean Indjan EUR 6 128 000 000.

Artikolu 3

Il-miri tematiċi għall-programmi ġeografiċi għandhom ikunu:

(a) mill-inqas 15 % għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba;

(b) mill-inqas 45 % għal tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-objettivi speċifiċi u l-oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni għal kull sottoreġjun, ibbażati fuq l-oqsma ta' kooperazzjoni elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma dawn li ġejjin:

I. VIĊINAT NOFSINHAR

(1) **L-appoġġ għall-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) Il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(b) It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi u s-sistemi ta' governanza; it-titjib tat-trasparenza u r-responsabbiltà; l-appoġġ tal-koeżjoni soċjali; il-promozzjoni tal-involviment tas-soċjetà ċivili u l-ispazju għall-atturi ċiviċi u mhux statali u l-midja indipendenti; l-appoġġ għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;

(c) it-titjib tal-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali; l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażagħ; it-tisħiħ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;

(d) L-appoġġ għall-ġestjoni trasparenti u effettiva tal-finanzi pubbliċi, il-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku u l-governanza ekonomika.

(2) **It-tisħiħ tar-reżiljenza, il-bini tal-prosperità u l-ħtif tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) L-appoġġ tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tas-settur privat; it-titjib tal-aċċess għall-finanzi u d-diġitalizzazzjoni tan-negozju; il-promozzjoni ta' impjiegi diċenti;

(b) l-appoġġ għall-kummerċ u l-investiment, il-ktajjen tal-valur sostenibbli, il-konnettività, l-integrazzjoni ekonomika u d-diversifikazzjoni;

(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi moderni u ekwi ta' ħarsien tas-saħħa u soċjali u l-promozzjoni ta' impjiegi deċenti; l-appoġġ għar-reżiljenza tal-popolazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi aċċessibbli;

(d) L-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura biex tiġi żgurata konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura kif ukoll l-iżvilupp ta' sistemi moderni ta' ġestjoni u ħarsien tad-data; l-appoġġ għal governanza diġitali mtejba, l-iżvilupp ta' oqfsa u pjattaformi ta' servizzi elettroniċi u interoperabbiltà.

(3) **L-appoġġ għal tranżizzjoni ekoloġika, it-tisħiħ tar-reżiljenza għall-klima, it-tranżizzjoni u s-sigurtà tal-enerġija, u l-ħarsien tal-ambjent**

(a) It-tisħiħ tal-kapaċità ta' adattament u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; għajnuna għall-promozzjoni ta' investimenti li ma jagħmlux ħsara lill-klima u politiki ta' finanzi sostenibbli biex issir bidla lejn tkabbir ekoloġiku;

(b) L-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mudelli ekonomiċi b'emissjonijiet baxxi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli; l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u blu sostenibbli; it-trawwim tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-promozzjoni tas-sigurtà tal-enerġija;

(c) Il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-ġlieda kontra t-tniġġis, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, kif ukoll il-promozzjoni ta' ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

(4) **Kooperazzjoni dwar il-paċi u s-sigurtà**

(a) L-appoġġ u l-promozzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-isforzi ta' rikonċiljazzjoni;

(b) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-infurzar tal-liġi u l-indirizzar taċ-ċibersigurtà, iċ-ċiberkriminalità u t-theddid ibridu;

(c) L-appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju;

(d) It-tisħiħ tas-sigurtà marittima.

(5) **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, il-mobbiltà u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni**

(a) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni; it-tisħiħ tas-sħubijiet lokali u internazzjonali dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tul rotot migratorji ewlenin;

(b) It-tisħiħ tal-aspetti kollha tal-governanza tal-migrazzjoni u l-asil; it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri; it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u t-trawwim tal-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni tal-migranti; kif ukoll l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat;

(c) L-appoġġ għal approċċ komprensiv għall-migrazzjoni legali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u l-mobbiltà;

(d) Il-kontribut għall-għoti ta' ħarsien internazzjonali u appoġġ lir-refuġjati, lill-migranti, lill-persuni spostati internament, lill-komunitajiet ospitanti, u lill-pajjiżi li jospitaw popolazzjonijiet sinifikanti ta' refuġjati jew spostati.

(6) **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, subreġjonali u interreġjonali**

(a) L-appoġġ tal-Unjoni għall-Mediterran;

(b) Iż-żieda fil-kooperazzjoni ma' atturi u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali;

(c) Żieda fil-kooperazzjoni bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Afrika sub-Saħarjana f'oqsma magħżula.

II. VIĊINAT LVANT

(1) **Investiment f'ekonomiji reżiljenti, sostenibbli u integrati u konnettività sostenibbli**

(a) Iż-żieda fil-kummerċ bejn il-pajjiżi sħab u mal-UE; Il-promozzjoni ta' aktar integrazzjoni fil-ktajjen tal-valur tal-UE; il-promozzjoni ta' impjiegi diċenti; il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli;

(b) It-titjib tal-klima tan-negozju; it-tisħiħ tal-ekosistema tan-negozji ġodda u ż-żieda/id-diversifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs;

(c) It-tisħiħ tat-trasport bit-triq u marittimu sostenibbli; il-promozzjoni tal-mobilità urbana intelliġenti u sostenibbli;

(d) Il-promozzjoni ta' edukazzjoni ta' kwalità fil-livelli kollha; it-tisħiħ tal-kapaċità ta' trasferiment tar-riċerka u t-teknoloġija; it-tisħiħ tal-ħiliet biex titjieb l-impjegabbiltà.

(2) **Investiment fid-demokrazija, il-governanza tajba, il-paċi u s-sigurtà, l-istat tad-dritt u l-ġustizzja**

(a) L-appoġġ għad-demokrazija, il-paċi u l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-midja u l-indipendenza; il-promozzjoni ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, responsabbli u effiċjenti; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u d-diżinformazzjoni, l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità;

(b) L-appoġġ għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza elettronika; il-promozzjoni tas-servizzi pubbliċi online; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(c) L-appoġġ għall-iżvilupp territorjali bbilanċjat u l-proċessi ta' riforma tad-deċentralizzazzjoni;

(d) L-appoġġ għall-bini tal-paċi, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kunflitti permezz ta' sforzi u metodi paċifiċi, kif ukoll l-istabbiliment u/jew l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' twissija bikrija; it-tisħiħ tas-sigurtà reġjonali, is-sikurezza u s-sigurtà marittima; it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-promozzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri.

(3) **Investiment fl-enerġija sostenibbli, id-dekarbonizzazzjoni, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza ambjentali**

(a) L-investiment fil-konnettività tal-enerġija u konnessjonijiet tal-grilja transfruntiera u interreġjonali aktar b'saħħithom, filwaqt li jiġu appoġġati l-effiċjenza, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija u jiġi promoss l-użu akbar tal-enerġija sostenibbli;

(b) It-titjib tal-kwalità tal-arja, il-promozzjoni tal-ġlieda kontra t-tniġġis, l-ekoloġizzazzjoni taż-żoni urbani u t-titjib tal-ġestjoni tal-iskart, filwaqt li tissaħħaħ il-bijodiversità, jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u jiġu modernizzati l-provvista tal-ilma u s-sanità;

(c) Il-promozzjoni ta' ekonomija b'emissjonijiet baxxi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari; it-tisħiħ tal-politiki dwar il-klima; l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija blu; żieda fl-investimenti ekoloġiċi;

(d) L-investiment fir-reżiljenza tas-saħħa u t-titjib tas-sistemi tas-saħħa, kif ukoll l-appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju, inkluż il-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati ma' sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.

(4) **Ninvestu fi trasformazzjoni diġitali reżiljenti**

(a) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali u s-servizzi elettroniċi, permezz ta' governanza diġitali mtejba u oqfsa u pjattaformi ta' interoperabbiltà mtejba;

(b) It-tisħiħ tal-ħiliet diġitali; l-istimular tal-innovazzjoni diġitali u ta' negozji ġodda diġitali ta' prestazzjoni għolja;

(c) Il-promozzjoni tal-kummerċ elettroniku transkonfinali u l-kurituri diġitali bejn il-pajjiżi sħab u l-UE;

(d) It-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika.

(5) **Investiment f'soċjetajiet reżiljenti, inklużivi, ugwali bejn is-sessi u diversi**

(a) It-tisħiħ tal-kapaċità u l-għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli reġjonali u lokali, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;

(b) Il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha ta' politika;

(c) Iż-żieda fl-impenn taċ-ċittadini, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, bid-demokrazija u r-riformi ekonomiċi; Il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni ambjentali u diġitali;

III. L-AFRIKA TAL-PUNENT

(1) **Il-promozzjoni tal-istabbilizzazzjoni, is-sigurtà, it-tranżizzjoni demokratika, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem**

(a) Il-promozzjoni tal-istabbilizzazzjoni, il-paċi u s-sigurtà fuq l-art u fuq il-baħar permezz ta' transizzjoni demokratika, governanza tajba, il-ġlieda kontra l-impunità u r-riforma tas-settur tas-sigurtà; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti; il-promozzjoni tad-djalogu, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-istat;

(b) L-appoġġ għall-governanza demokratika u l-istat tad-dritt, it-trasparenza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-promozzjoni tas-sorveljanza u r-responsabbiltà kif ukoll sistema ġudizzjarja indipendenti, responsabbli u effiċjenti;

(c) It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-preżenza effettiva tagħhom fit-territorju kollu u s-soċjetà ċivili;

(d) Il-promozzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

(2) **L-appoġġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, il-promozzjoni ta' impjiegi deċenti u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat; it-titjib tal-ambjent tan-negozju, il-klima tal-investiment u d-diġitalizzazzjoni tan-negozju kif ukoll it-trasparenza u l-effettività tal-finanzi pubbliċi; il-governanza diġitali u l-iżvilupp tas-servizzi elettroniċi;

(b) L-appoġġ għall-infrastruttura u l-konnettività sostenibbli, l-integrazzjoni ekonomika, il-kummerċ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika; it-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur lokali u reġjonali;

(c) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni; il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli;

(d) It-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u diġitali.

(3) **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, il-mobbiltà u l-ispostament furzat u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat**

(a) It-tisħiħ tas-sħubijiet lokali u internazzjonali dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tul rotot migratorji ewlenin;

(b) It-tisħiħ tal-governanza u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-trawwim tal-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni tal-migranti;

(c) L-appoġġ għal approċċ komprensiv għall-migrazzjoni legali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u l-mobbiltà;

(d) Il-ħarsien ta' migranti vulnerabbli, refuġjati u persuni spostati internament; it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin; l-iżgurar tal-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati b'mod furzat; l-għoti ta' ħarsien internazzjonali u appoġġ lir-refuġjati, lill-migranti, lill-persuni spostati internament, lill-komunitajiet ospitanti, u lil pajjiżi li jospitaw popolazzjoni sinifikanti ta' refuġjati jew spostati.

(4) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) Il-promozzjoni tal-aċċess għall-enerġija sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika; il-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi ta' provvista tal-ilma u sanità reżiljenti għall-klima u sikuri;

(b) Miżuri ta' appoġġ dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju;

(c) Il-promozzjoni ta' approċċ ta' pajsaġġ integrat għal agrikoltura/sigurtà alimentari u nutrizzjonali intelliġenti u reżiljenti, ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, sajd u akkwakultura sostenibbli u adattament/mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima;

(d) Il-promozzjoni tal-ħarsien ambjentali, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

(5) **Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) L-appoġġ għal aċċess akbar għal servizzi tas-saħħa u nutrizzjoni reżiljenti u kwalità mtejba tagħhom;

(b) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni u kwalità mtejba tagħha f'livelli differenti; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali;

(c) Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ħarsien soċjali u l-iskemi tas-sigurtà soċjali;

(d) L-appoġġ ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha ta' politika.

(6) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-inkoraġġiment tal-integrazzjoni, il-konnettività u l-kooperazzjoni reġjonali;

(b) Il-promozzjoni tad-djalogu politiku mal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali;

(c) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u programmi ta' kooperazzjoni, ġemellaġġi, skambju u tmexxija.

IV. L-AFRIKA ĊENTRALI U TAL-LVANT

(1) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) Il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-ħarsien ambjentali u l-preservazzjoni tal-bijodiversità fi ħdan approċċ ta' pajsaġġ u ta' ambjent tal-baħar;

(b) Miżuri ta' appoġġ dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju;

(c) Il-promozzjoni tal-aċċess għall-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-promozzjoni ta' ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament u r-reżiljenza għall-klima; il-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi ta' provvista tal-ilma u sanità reżiljenti għall-klima u sikuri;

(d) L-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel sostenibbli.

(2) **Il-promozzjoni tal-istabbilizzazzjoni, is-sigurtà, id-demokrazija u t-tranżizzjonijiet demokratiċi, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem**

(a) Il-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, l-istabbiltà, id-demokrazija, it-tranżizzjonijiet demokratiċi paċifiċi, l-istat tad-dritt, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, ir-rikonċiljazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti;

(b) L-appoġġ għall-governanza demokratika, it-trasparenza u s-sorveljanza, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-promozzjoni ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, responsabbli u effiċjenti;

(c) Il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

(3) **L-appoġġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, il-promozzjoni ta' impjiegi deċenti u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat; It-titjib tal-ambjent tan-negozju u d-diġitalizzazzjoni tan-negozju kif ukoll il-klima tal-investiment; il-governanza diġitali u l-iżvilupp tas-servizzi elettroniċi;

(b) L-appoġġ għall-integrazzjoni ekonomika u l-kummerċ, inklużi l-infrastruttura u l-konnettività sostenibbli;

(c) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(d) It-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u diġitali.

(4) **Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) L-appoġġ għal aċċess akbar u kwalità mtejba ta' servizzi tas-saħħa u tal-ħarsien soċjali u nutrizzjoni reżiljenti;

(b) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni u l-kwalità tagħha f'livelli differenti; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali;

(c) Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi;

(d) L-appoġġ ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha ta' politika.

(5) **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, il-mobbiltà u l-ispostament furzat u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat**

(a) It-tisħiħ tas-sħubijiet lokali u internazzjonali dwar aspetti differenti tal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni;

(b) It-tisħiħ tal-governanza u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-trawwim tal-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni tal-migranti;

(c) L-appoġġ għal approċċ komprensiv għall-migrazzjoni legali, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u l-mobbiltà;

(d) Il-ħarsien ta' migranti vulnerabbli, refuġjati u persuni spostati internament; it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin; l-iżgurar tal-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati b'mod furzat; il-kontribut għall-għoti ta' ħarsien internazzjonali u appoġġ lir-refuġjati, lill-migranti, lill-persuni spostati internament, lill-komunitajiet ospitanti, u lill-pajjiżi li jospitaw popolazzjoni sinifikanti ta' refuġjati jew spostati.

(6) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-inkoraġġiment tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali, il-konnettività u l-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika;

(b) Il-promozzjoni tad-djalogu politiku mal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali;

(c) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u programmi ta' kooperazzjoni, ġemellaġġi, skambju u tmexxija.

V. AFRIKA TA' ISFEL U OĊEAN INDJAN

(1) **L-appoġġ għal tkabbir inklużiv u sostenibbli, il-promozzjoni ta' impjiegi deċenti u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat; It-titjib tal-ambjent tan-negozju, il-klima tal-investiment, id-diġitalizzazzjoni tan-negozju u t-trasparenza tal-finanzi pubbliċi; il-governanza diġitali u l-iżvilupp tas-servizzi elettroniċi;

(b) L-appoġġ għall-infrastruttura u l-konnettività sostenibbli, l-integrazzjoni ekonomika u l-kummerċ;

(c) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjiegi deċenti, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(d) It-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u diġitali.

(2) **Il-promozzjoni ta' governanza tajba, paċi, demokrazija u drittijiet tal-bniedem**

(a) Il-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fuq l-art u fuq il-baħar, l-istabbiltà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt; ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-rikonċiljazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar internazzjonali;

(b) L-appoġġ għall-governanza demokratika, it-trasparenza u s-sorveljanza, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; it-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili;

(c) Il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;

(d) L-appoġġ għall-ġustizzja; It-tisħiħ u l-għoti tas-setgħa lill-awtoritajiet lokali u lis-soċjetà ċivili.

(3) **Il-ħarsien tal-ambjent u l-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) L-appoġġ għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju;

(b) Il-promozzjoni tal-aċċess għall-enerġija sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika; il-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi ta' provvista tal-ilma u sanità reżiljenti għall-klima u sikuri;

(c) L-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura intelliġenti u reżiljenti, is-sajd sostenibbli u l-akkwakultura;

(d) Il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-ħarsien ambjentali, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekonomija ċirkolari; il-promozzjoni ta' ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

(4) **Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) L-appoġġ għal aċċess aħjar għal servizzi tas-saħħa u nutrizzjoni reżiljenti u kwalità mtejba tagħhom;

(b) It-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni u t-titjib tal-kwalità tagħha f'livelli differenti; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali;

(c) Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-iskemi ta' ħarsien soċjali;

(d) L-appoġġ ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha ta' politika.

(5) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-inkoraġġiment tal-integrazzjoni u l-kooperazzjoni ekonomika reġjonali, u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika; l-appoġġ għal kooperazzjoni usa' fl-Oċean Indjan;

(b) Il-promozzjoni tad-djalogu politiku mal-komunitajiet ekonomiċi reġjonali;

(c) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u programmi ta' kooperazzjoni, ġemellaġġi, skambju u tmexxija.

VI. IL-LVANT NOFSANI

(1) **L-appoġġ għal tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) L-appoġġ għall-intraprenditorija, l-impjieg deċenti u l-impjegabbiltà, it-titjib tal-ambjent tan-negozju, id-diġitalizzazzjoni tan-negozju u l-klima tal-investiment;

(b) Il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika, l-iżvilupp ta' katini tal-valur tal-ikel u l-infrastruttura ekonomika u l-kummerċ mhux taż-żejt; il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli;

(c) L-appoġġ għar-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali;

(d) L-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura biex tiġi żgurata konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura; l-appoġġ għal governanza diġitali mtejba, l-iżvilupp ta' oqfsa u pjattaformi ta' servizzi elettroniċi u interoperabbiltà.

(2) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) Il-kontribut għall-isforzi tas-sħab biex isegwu l-impenji internazzjonali tagħhom dwar it-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra t-tniġġis, il-ġestjoni tal-ekosistemi u l-konservazzjoni tal-bijodiversità; iż-żieda tar-reżiljenza tagħhom għall-klima u riskji oħra naturali relatati mal-perikli;

(b) Il-bini tal-kapaċità għall-integrazzjoni tal-objettivi tas-sostenibbiltà ambjentali u tat-tibdil fil-klima fil-proċessi tal-iżvilupp, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ekonomija, l-enerġija sostenibbli, l-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura;

(c) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-bini ta' kapaċità xjentifika, teknika, umana u istituzzjonali għall-ġestjoni tal-klima u tal-ambjent;

(d) Miżuri ta' appoġġ dwar l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(3) **Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem, l-inklużjoni soċjali u s-saħħa**

(a) It-titjib tal-kwalità u l-ugwaljanza tas-sistemi edukattivi; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali;

(b) L-appoġġ għar-riformi tal-ħarsien soċjali u aċċess imtejjeb għal servizzi bażiċi għal gruppi vulnerabbli; il-promozzjoni tal-koordinazzjoni b'reazzjoni għall-kriżijiet tas-saħħa;

(c) Il-promozzjoni tar-rispett għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni; l-appoġġ għad-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew tat-twemmin.

(d) Appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa u titjib fil-kwalità u r-reżiljenza tagħhom

(4) **Il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, iċ-ċittadinanza inklużiva u soċjetajiet paċifiċi, ġusti, kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà**

(a) L-appoġġ għall-ġestjoni makroekonomika, is-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi; it-trawwim tal-inklużività fil-governanza u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; it-tisħiħ tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili;

(b) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rispett, il-ħarsien u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem minnisa u l-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, inklużi d-drittijiet ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali.

(c) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, iċ-ċaqliq sfurzat, u l-ġestjoni tal-fruntieri u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; it-tisħiħ tal-aspetti kollha tal-migrazzjoni u l-governanza tal-asil, il-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat;

(d) L-appoġġ għal approċċ komprensiv għall-migrazzjoni legali u l-mobbiltà; il-kontribut għall-għoti ta' appoġġ lir-refuġjati, lill-migranti, lill-persuni spostati internament, lill-komunitajiet ospitanti, u lill-pajjiżi li jospitaw popolazzjonijiet rifuġjati jew spostati.

(5) **Appoġġ għall-paċi, is-sigurtà u l-prevenzjoni tal-kunflitti**

(a) L-appoġġ għall-isforzi għall-bini tal-paċi, id-djalogu ta' medjazzjoni u r-rikonċiljazzjoni; l-istabbiliment ta' sistemi ta' twissija bikrija; l-appoġġ għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti;

(b) L-appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

(c) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti u terroriżmu, u l-ħarsien tal-individwi minn tali theddid;

(d) It-tisħiħ tas-sigurtà reġjonali, is-sikurezza u s-sigurtà marittima; Il-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.

(6) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-inkoraġġiment ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat, kooperazzjoni u djalogu inklużiv u kostruttiv;

(b) Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni trijangolari ma' aġenziji ta' żvilupp bilaterali u reġjonali u istituzzjonijiet ta' finanzjament;

(c) L-involviment mal-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi industrijalizzati u aktar avvanzati li qed jiżviluppaw u permezz tad-diplomazija pubblika.

VII. ASJA ĊENTRALI

(1) **Il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp tal-bniedem, u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat**

(a) Il-kontribut għall-paċi, il-prevenzjoni jew is-soluzzjoni politika inklużiva tal-kunflitti, u l-istabbiltà billi tinbena r-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi; l-appoġġ għad-djalogu soċjali;

(b) It-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija u proċessi demokratiċi inklużivi; l-appoġġ għal istituzzjonijiet effettivi u responsabbli u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata; it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti;

(c) L-appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-aspetti kollha tal-proċessi politiċi u ta' riforma u l-ħajja pubblika, u l-appoġġ għat-tisħiħ u r-reżiljenza tas-servizzi pubbliċi fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni; l-appoġġ ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha ta' politika;

(d) L-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat; l-iffaċilitar ta' migrazzjoni u mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli; it-titjib tal-governanza u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-tisħiħ tal-ħarsien tal-fruntieri, il-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u l-migrazzjoni legali.

(2) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) Il-promozzjoni ta' ġestjoni integrata u sostenibbli, parteċipattiva u sensittiva għall-konflitti tar-riżorsi tal-ilma u l-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma;

(b) Miżuri ta' appoġġ dwar l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

(c) Il-promozzjoni tal-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u l-użu ta' ekosistemi b'saħħithom u sistemi agroalimentari; jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità; l-appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi sħab fit-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju, kif ukoll il-promozzjoni tal-aċċess għal u ż-żieda fil-kooperazzjoni dwar l-enerġija sostenibbli;

(d) L-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari.

(3) **L-appoġġ għal tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u impjiegi deċenti u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) L-appoġġ għat-tkabbir ta' ekonomiji reżiljenti u sostenibbli; l-appoġġ għall-kooperazzjoni regolatorja u l-istandardizzazzjoni; l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura biex tiġi żgurata konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura;

(b) L-appoġġ għal produttività mtejba u impjiegi deċenti permezz ta' formalizzazzjoni ekonomika, flimkien ma' appoġġ għall-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tax-xogħol;

(c) L-appoġġ għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ tekniċi vokazzjonali mtejba; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali;

(d) L-iffaċilitar tal-kummerċ transkonfinali u intrareġjonali u integrazzjoni reġjonali msaħħa, bħala mezz għall-paċi fir-reġjun kollu.

(4) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-inkoraġġiment tal-integrazzjoni u l-kooperazzjoni reġjonali b'appoġġ għall-prosperità u s-sigurtà kondiviżi;

(b) L-appoġġ għad-diplomazija ekonomika, kulturali u pubblika għall-involviment mal-popolazzjoni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-muniċipalitajiet u l-komunitajiet lokali, is-settur privat, il-midja, l-akkademja u l-gruppi ta' riflessjoni;

(c) Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' approċċ reġjonali unifikat għall-integrazzjoni tal-Afganistan fl-Asja Ċentrali.

VIII. L-ASJA T'ISFEL

(1) **Il-promozzjoni ta' governanza tajba, l-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat**

(a) It-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, sistema ġudizzjarja indipendenti, responsabbli u effiċjenti, il-governanza u s-sorveljanza, u d-drittijiet tal-bniedem; l-għoti tas-setgħa lil soċjetà ċivili b'saħħitha u li tippermetti r-reġistrazzjonijiet ċivili; l-appoġġ ta' miżuri biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha ta' politika;

(b) It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali, is-servizzi pubbliċi għas-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u l-ħarsien soċjali; l-appoġġ għad-deċentralizzazzjoni;

(c) L-indirizzar tat-theddid għas-saħħa; l-iżvilupp ta' vaċċini, mediċini u trattamenti sikuri, effiċjenti u affordabbli kontra mard relatat mal-faqar u mard ittraskurat; it-titjib tar-reazzjonijiet għall-isfidi tas-saħħa;

(d) L-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat; l-iffaċilitar ta' migrazzjoni u mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli; it-titjib tal-governanza u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-tisħiħ tal-ħarsien tal-fruntieri, il-kooperazzjoni dwar ritorni sikuri, dinjituż u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u l-migrazzjoni legali.

(2) **Il-ħarsien tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) L-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima it-tisħiħ tal-kapaċità għall-ġestjoni ambjentali;

(b) L-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u blu sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tniġġis;

(c) Il-promozzjoni tat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili u l-aċċess għal servizzi tal-enerġija sostenibbli; it-titjib tal-governanza tal-oċeani;

(d) L-appoġġ għal governanza aħjar u l-bini tal-kapaċità għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, kif ukoll il-promozzjoni ta' ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għal diżastri naturali relatati mal-periklu.

(3) **L-appoġġ għal tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli u impjiegi deċenti u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) L-appoġġ għall-intraprenditorija, id-diġitalizzazzjoni tan-negozju, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tax-xogħol; It-tisħiħ ta' sistemi ta' ħarsien soċjali sostenibbli;

(b) Intejbu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment; l-iffaċilitar tal-kummerċ; it-titjib tan-netwerks u s-servizzi tat-trasport multimodali reġjonali; l-appoġġ għall-infrastruttura u l-konnettività sostenibbli;

(c) It-trawwim ta' aċċess universali għal enerġija affordabbli, affidabbli u sostenibbli; il-promozzjoni ta' ekonomija b'emissjonijiet baxxi, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari;

(d) L-appoġġ għall-kooperazzjoni regolatorja u l-istandardizzazzjoni; l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura biex tiġi żgurata konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura.

(4) **Il-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà, u l-prevenzjoni tal-kunflitti**

(a) L-appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, it-twissija bikrija; il-bini tal-paċi, il-ġestjoni tal-kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà marittima;

(b) L-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sistematika tan-nisa u ż-żgħażagħ;

(c) Il-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista;

(d) Prevenzjoni u ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu;

(5) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) It-tisħiħ tas-sjieda tal-pajjiżi, is-sħubijiet u d-djalogu kostruttiv, anke mas-soċjetà ċivili;

(b) Il-promozzjoni tal-multilateraliżmu, l-integrazzjoni reġjonali u konnettività mtejba;

(c) L-involviment mal-partijiet ikkonċernati f'pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati u permezz tad-diplomazija pubblika.

IX. L-ASJA TA' FUQ U TAX-XLOKK

(1) **Il-promozzjoni ta' governanza tajba, l-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) It-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija u l-proċessi demokratiċi inklużivi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-ġudikatura indipendenti, il-governanza u s-sorveljanza, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(b) L-appoġġ, it-tisħiħ u l-għoti tas-setgħa lil soċjetà ċivili b'saħħitha; il-promozzjoni ta' spazju miftuħ u abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja politika;

(c) Il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni; il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, iż-żgħażagħ u t-tfal, u l-persuni b'diżabilità;

(d) L-appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa u titjib fil-kwalità u r-reżiljenza tagħhom; L-indirizzar tat-theddid għas-saħħa; l-iżvilupp ta' vaċċini, mediċini u trattamenti sikuri, effiċjenti u affordabbli kontra mard relatat mal-faqar u mard ittraskurat; it-titjib tar-reazzjonijiet għall-isfidi tas-saħħa.

(2) **Appoġġ għall-paċi, l-istabbiltà, is-sigurtà u l-prevenzjoni tal-kunflitti**

(a) L-appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, it-twissija bikrija u l-bini tal-paċi permezz ta' medjazzjoni u djalogu, il-ġestjoni tal-kriżijiet, u l-istabbilizzazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti u t-titjib tas-sigurtà marittima;

(b) L-appoġġ għal inizjattivi lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali li jikkontribwixxu għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-paċi; il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali dwar ir-riżorsi naturali kondiviżi.

(3) **Il-ħarsien tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) It-tisħiħ tal-kapaċità xjentifika, umana u istituzzjonali għall-ġestjoni tal-klima u tal-ambjent; it-tisħiħ tal-governanza klimatika u ambjentali reġjonali, nazzjonali u lokali;

(b) Miżuri ta' appoġġ dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

(c) Il-promozzjoni tal-aċċess għall-enerġija sostenibbli u t-tneħħija gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent; l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u blu sostenibbli, il-ġlieda kontra t-tniġġis, l-ekonomija ċirkolari u l-urbanizzazzjoni sostenibbli; it-titjib tal-governanza tal-oċeani;

(d) Il-promozzjoni tal-forestazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ; l-appoġġ għall-governanza tal-oċeani.

(4) **L-appoġġ għal tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, u l-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali**

(a) Intejbu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment; l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tan-negozju u l-ħolqien ta' ambjent regolatorju abilitanti għall-iżvilupp ekonomiku;

(b) L-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ, l-investiment u l-konnettività; l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura biex tiġi żgurata konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura; l-appoġġ għal governanza diġitali mtejba, l-iżvilupp ta' oqfsa u pjattaformi ta' servizzi elettroniċi u interoperabbiltà;

(c) L-appoġġ għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd sostenibbli, u s-sigurtà tal-ikel; il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali kif ukoll ir-reżiljenza ambjentali u soċjali u ekosistemi b'saħħithom;

(d) L-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika sostenibbli, il-valur miżjud lokali fil-ktajjen tal-provvista, il-kummerċ sostenibbli u l-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli.

(5) **L-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat u l-iffaċilitar tal-migrazzjoni u l-mobbiltà ordnati, sikuri u legali**

(a) Il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet għall-iffaċilitar tal-migrazzjoni legali u l-mobbiltà ġestita tajjeb u l-kuntatti interpersonali;

(b) L-iżgurar tal-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati b'mod furzat; l-appoġġ għal soluzzjonijiet orjentati lejn l-iżvilupp għalihom, kif ukoll ritorni sikuri, dinjitużi u sostenibbli, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni;

(c) It-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet fil-kuntest tal-migrazzjoni, inklużi dawk ikkawżati mit-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni.

(6) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-approfondiment tad-djalogu politiku, ekonomiku, soċjali u kulturali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab; l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' impenji bilaterali u internazzjonali;

(b) Il-bini ta' sħubiji mas-settur privat biex jinħolqu l-impjiegi u jitjieb l-għajxien;

(c) L-involviment mal-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi industrijalizzati u aktar avvanzati li qed jiżviluppaw u permezz tad-diplomazija pubblika.

X. IL-PAĊIFIKU

(1) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) L-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ekonomija ekoloġika u blu sostenibbli, l-ekonomija ċirkolari u l-ġlieda kontra t-tniġġis; il-promozzjoni tal-aċċess għall-enerġija sostenibbli;

(b) L-appoġġ għall-isforzi tas-sħab biex ikomplu bl-impenji tagħhom dwar it-tibdil fil-klima, it-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju, l-ekosistemi u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, kif ukoll il-governanza tal-oċeani;

(c) Il-promozzjoni ta' prattiki agrikoli ambjentalment sostenibbli; it-tisħiħ tal-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima; il-promozzjoni tar-reżiljenza ambjentali u soċjali u ekosistemi b'saħħithom;

(d) L-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika sostenibbli, il-kompetittività, il-valur miżjud lokali fil-ktajjen tal-provvista, il-kummerċ sostenibbli, u l-iżvilupp tas-settur privat.

(2) **L-appoġġ għat-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll impjieg deċenti**

(a) L-appoġġ għall-intraprenditorija sostenibbli, l-impjieg deċenti u l-impjegabbiltà; intejbu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment; il-ħolqien ta' opportunitajiet; l-appoġġ għall-ekonomija diġitali u l-konnettività diġitali;

(b) Intejbu l-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment; il-ħolqien ta' ambjent regolatorju li jippermetti l-iżvilupp ekonomiku; l-appoġġ għall-espansjoni u l-ħolqien tal-impjiegi tal-kumpaniji;

(c) It-tisħiħ u d-diversifikazzjoni ta' ktajjen tal-valur tal-ikel agrikoli sostenibbli u inklużivi; il-promozzjoni tas-sigurtà tal-ikel u d-diversifikazzjoni ekonomika, iż-żieda tal-valur, l-integrazzjoni reġjonali, il-kompetittività u l-kummerċ ġust; l-appoġġ għal innovazzjonijiet sostenibbli b'emissjonijiet baxxi li huma reżiljenti għat-tibdil fil-klima; l-appoġġ għall-infrastruttura sostenibbli;

(d) L-appoġġ għal ġestjoni sostenibbli tas-sajd u akkwakultura sostenibbli u l-promozzjoni tagħhom.

(3) **Il-promozzjoni ta' governanza tajba, paċi u sigurtà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-paċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-proċessi demokratiċi inklużivi, l-istat tad-dritt, il-ġudikatura indipendenti, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni, il-governanza u s-sorveljanza, il-ġestjoni finanzjarja pubblika tajba, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(b) Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni; il-promozzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;

(c) It-tisħiħ tar-reżiljenza ta' stati, soċjetajiet, komunitajiet u individwi għal pressjonijiet u xokkijiet politiċi, ekonomiċi, ambjentali, alimentari, demografiċi u soċjetali, għal diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem u għal kriżijiet tas-saħħa, inkluż pandemiji;

(d) L-appoġġ, it-tisħiħ u l-għoti tas-setgħa lil soċjetà ċivili b'saħħitha; il-promozzjoni ta' spazju miftuħ u abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-involviment taċ-ċittadini fil-ħajja politika u fl-iskrutinju tad-deċiżjonijiet; l-appoġġ u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' kulħadd fil-proċessi politiċi u fil-ħajja pubblika.

(4) **Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem**

(a) Jiżdiedu l-isforzi biex jiġu adottati politiki u jiġi ġġenerat investiment xieraq għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, iż-żgħażagħ u t-tfal;

(b) L-appoġġ għall-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli biex tiżdied is-sigurtà tal-ikel; il-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi u impjiegi deċenti;

(c) Għoti ta' appoġġ lil aċċess universali għal sanità sikura u suffiċjenti tal-ilma tax-xorb, iġjene u ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata;

(d) Appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa u titjib fil-kwalità u r-reżiljenza tagħhom

(5) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) Approfondiment tad-djalogu politiku, ekonomiku, soċjali u kulturali; l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' impenji bilaterali u internazzjonali; l-appoġġ għal kooperazzjoni usa' tal-Paċifiku;

(b) L-involviment mal-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi industrijalizzati u aktar avvanzati li qed jiżviluppaw u permezz tad-diplomazija pubblika.

XI. IL-KONTINENTI AMERIKANI

(1) **Il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima**

(a) L-appoġġ għall-isforzi tas-sħab dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

(b) Il-promozzjoni tal-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità; il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità;

(c) Il-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija; il-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-foresti u l-promozzjoni tal-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali, kif ukoll it-tisħiħ tal-governanza tal-oċeani;

(d) Il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, tniġġis żero u tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika b'enfasi fuq l-effiċjenza enerġetika: l-appoġġ għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma u tas-sanità.

(2) **Trasformazzjoni diġitali u innovazzjoni**

(a) L-appoġġ għall-istandardizzazzjoni u l-kooperazzjoni politika li jindirizzaw iċ-ċibersigurtà, il-ħarsien tad-data, l-intelliġenza artifiċjali u kwistjonijiet regolatorji oħra marbuta mat-trasformazzjoni diġitali; il-promozzjoni tal-edukazzjoni, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali inklużivi; it-tisħiħ tad-drittijiet diġitali;

(b) L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u sigura; it-tisħiħ tal-għarfien u l-iskambju tad-data; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni xjentifika bireġjonali;

(c) It-trawwim tal-ekonomija diġitali, inkluża l-intraprenditorija diġitali; il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, it-trasferiment tat-teknoloġija u r-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni; l-appoġġ għall-iżvilupp u l-użu wiesa' ta' prodotti diġitalment abilitati, l-amministrazzjoni diġitali u s-servizzi elettroniċi;

(d) L-appoġġ għal pjattaformi kollaborattivi biex jitrawmu l-investimenti u l-iskambji diġitali tal-UE.

(3) **Appoġġ għall-irkupru ekonomiku sostenibbli u inklużiv**

(a) Tingħata spinta lil ktajjen tal-valur sostenibbli u inklużivi, jiġu promossi s-sigurtà tal-ikel u d-diversifikazzjoni ekonomika kif ukoll l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, iż-żieda tal-valur, l-integrazzjoni u l-konnettività reġjonali, il-kompetittività, il-kummerċ ġust u ekwu u l-innovazzjoni;

(b) L-appoġġ tal-aġenda għall-integrazzjoni reġjonali u l-politiki kummerċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali; il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu u l-konformità mar-regoli u l-istandards internazzjonali;

(c) It-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment b'ambjent regolatorju abilitanti għall-iżvilupp ekonomiku;

(d) It-tisħiħ tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, iż-żgħażagħ u l-gruppi vulnerabbli, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju; ir-rispett u l-promozzjoni tal-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-valur kollha; l-appoġġ għal żieda ta' valur kondiviż u kundizzjonijiet ta' negozjar ġust.

(4) **L-appoġġ għall-governanza tajba, il-paċi u s-sigurtà, u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat**

(a) It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-ġudikatura indipendenti, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-governanza u s-sorveljanza, inklużi istituzzjonijiet trasparenti, responsabbli, effettivi u inklużivi fil-livelli kollha;

(b) L-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat; it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet fil-kuntest tal-migrazzjoni, inklużi miżuri għall-protezzjoni tal-vittmi tal-isfruttament u l-abbuż; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri;

(c) L-appoġġ għal soluzzjonijiet orjentati lejn l-iżvilupp għal persuni spostati b'mod furzat, persuni spostati internament u l-komunitajiet ospitanti tagħhom;

(d) Il-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza, il-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-drogi, il-kuntrabandu u l-ħasil tal-flus.

(5) **Il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem**

(a) L-appoġġ għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki pubbliċi biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, u approċċ integrat għall-governanza u l-politiki soċjali;

(b) It-titjib tal-aċċess ta' kulħadd għall-ħtiġijiet u s-servizzi bażiċi; l-appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi edukattivi;

(c) Il-promozzjoni, il-ħarsien u t-twettiq tad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli u l-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi; it-tisħiħ tal-kapaċità għal tfassil ta' politika li jkun sensittiv għall-ġeneru;

(d) L-approfondiment tad-djalogu mal-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi.

(e) Appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa u titjib fil-kwalità u r-reżiljenza tagħhom

(6) **It-tisħiħ tas-sħubijiet**

(a) L-involviment mal-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi industrijalizzati u aktar avvanzati li qed jiżviluppaw u permezz tad-diplomazija pubblika;

(b) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, subreġjonali u interreġjonali.

XII. IL-KARIBEW

(1) **It-tisħiħ tar-reżiljenza għall-klima u għad-diżastri, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika**

(a) L-appoġġ għall-adattament u l-mitigazzjoni tal-klima, it-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;

(b) Il-promozzjoni tal-ħarsien u l-ġestjoni ambjentali, kif ukoll il-promozzjoni ta' ekosistemi ġestiti sostenibbli u multifunzjonali fil-kuntest tal-adattament u r-reżiljenza għall-klima;

(c) It-tisħiħ tas-sistemi tal-ikel sostenibbli;

(d) L-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika, l-ekonomija ċirkolari, il-ġlieda kontra t-tniġġis u l-bini tar-reżiljenza.

(2) **Il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi**

(a) L-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti; l-appoġġ għall-ekonomija diġitali u l-konnettività diġitali;

(b) L-iffukar fuq muturi ġodda għat-tkabbir, inkluż l-ekonomija ekoloġika/blu/ċirkolari, it-turiżmu sostenibbli u t-trasformazzjoni diġitali; il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' produzzjoni u valur sostenibbli;

(c) L-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp tas-settur privat, il-kummerċ bejn in-negozji, l-edukazzjoni vokazzjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet.

(3) **Appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ u l-kooperazzjoni transnazzjonali**

(a) L-appoġġ għall-integrazzjoni ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika;

(b) L-appoġġ għall-bini ta' istituzzjonijiet u l-iskambji kulturali, inkluż mal-pajjiżi u t-territorji tal-baċir usa' tal-Karibew.

(4) **It-tisħiħ tal-governanza, il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp tal-bniedem**

(a) It-tisħiħ tal-governanza, il-paċi, id-demokrazija, is-soċjetà ċivili, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, u s-sigurtà taċ-ċittadini;

(b) Il-ġlieda kontra t-traffikar illegali, il-finanzjament illegali u l-kriminalità organizzata; it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, id-devjazzjoni u l-prevenzjoni tal-kriminalità;

(c) L-appoġġ ta' miżuri ta' koeżjoni soċjali u oqfsa ta' ħarsien, inkluż aċċess akbar għal servizzi tal-kura tas-saħħa u titjib fil-kwalità u r-reżiljenza tagħhom;

(d) Il-promozzjoni ta' standards internazzjonali ta' governanza u finanzi pubbliċi.

(5) **Appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi**

(a) Il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

(b) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa.